**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 30**

**Data: 26 ta' Awwissu, 2021**

**Hin: 08.40am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

30.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

30.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

30.5 Korrispondenza u Rapporti;

30.6 Jum l-Gharb 2021;

30.7 EMW 2021;

30.8 Xogholijiet u Progetti;

30.9 Materjì ohra;

30.10 Skeda ta' Pagamenti;

30.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**30.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

30.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Tonio Mifsud kien cempel sabiex jitlob li jigi skuzat pero' kellu jitla' urgenti Malta fuq xoghol. Il-Kunsill qabel unanimament li Tonio Mifsud ghandu jigi skuzat.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.3.1 Is-Sindku qal li kif kien diskuss fl-laqghat precedenti l-Kunsill applika ghal zewg skemi wahda dik ta' impjieg ta' persuni CIES li hija skema ta' dizabilita' u l-ohra ghal Steward ghall-harsien ta' l-Annimali liema skemi inhargu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.Gie spjegat li dawn iz-zewg skemi gew it-tnejn approvati u issa irid isir il-process ta' l-ingagg permezz tal-Jobplus. Meta jidhlu l-applikazzjonijiet jinhatar bord mill-Kunsill li jkun qed jaghmel l-interviews lill-persuni interessati. Giet innotat li meta kien hemm skemi simili l-bordijiet kienu jkunu maghmula mis-Sindku, s-Sur Max Xuereb u William Sultana. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar dawn l-impjiegi u qabel li l-bord ghandu jinhatar mill-persuni imsemmija aktar 'l fuq.

30.3.2 Is-Sindku aggorna lill-membri dwar laqgha li kellu mall-president ta' l-Gharb Rangers fejn huwa informah li s-sitwazzjoni tal-kumpless mhux qeghda tajba u dan ghandu jigi rrangat ghall-istat originali tieghu. Huwa spjega ukoll li f'dan il-post ma jistax ikun hemm nies gewwa fih peress li dan mhuwiex l-iskop tieghu u jekk jigri xi incident il-Kunsill huwa responsabbli. Is-Sindku qal li huwa qabel mall-President li jekk ikun hemm bzonn ta' manutenzjoni din issir mill-haddiema tal-Kunsill. Fir-rigward tal-konsum tad-dawl u l-ilma dan gie diskuss ukoll fejn din ser tigi solvuta minhabba li d-dawl tal-grawnd ser jinbidlu kollha ghal LED's wara li gew moghtija xi fondi. Gie innotat li l-hsara fejn diehel l-ilma trid titranga minghajr hafna dewmien. Tkompliet id-diskussi fejn il-Kunsill qabel li ghandu jkompli x-xogholijiet ta' emergenza illum qabel ghada u kulhadd ghandu jigi nformat li l-kumpless m'ghandux ikun accessibli u hadd mhux permess li jidhol fih.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

30.3.3 Is-Sindku spjega li fir-rigward ta' l-applikazzjoni 'Bellus' din qeghda tinhadem minn Agenzija f'Malta u fiha ser jigi inkluz progett ta' Bio u family Farming fiz-zona tal-grawnd. L-iskop huwa li thajjar lin-nies jipproducu prodotti ta' l-ikel bla ma jkollhom l-ebda titlu sabiex l-art tibqa' f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli bil-hidma fuq din l-applikazzjoni.

Il-Vici Sindku staqsa dwar il-parti tat-triq bejn Felic Grech u li tispicca San Lawrenz meta ser isiru l-hitan tas-sejjieh fejn gie ikkonfermat li din ser issir kif ippjanat.

30.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill li kien gie moghti fondi that l-iskema ta' l-accessibilita' ghal xiri ta' van u ghal ftuh tar-respite centre. Fir-rigward tal-van il-Kunsill kien qieghed f'diskussjoni mat-Transport Malta sabiex inkunu certi li l-van li ser tinxtara tkun certifikata li tista' ggor in-nies. Is-Sindku qal li fir-rigward tar-respite centre dan irid jigi ffirmat kuntratt ma' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u l-Kunsill ghat-tmexxija tieghu. Ghal dan il-ghan is-Sindku talab li jigi skuzat wara li ddikjara li huwa ghandu interess peress li huwa l-president ta' l-imsemmija ghaqda. Ghaldaqstant huwa talab lill-Vici Sindku sabiex jkompli jippresiedi fuq il-laqgha u hareg mill-kamra.

Tkompliet id-diskussjoni efjn il-Vici Sindku spjega li kif kien qal is-Sindku sabiex dan ir-respite centre ikun jista' jitmexxa irid jigi ffirmat ftehim fejn il-fondi allokati jigu trasferti mall-kuntratt. Il-Vici Sindku zied jghid li dan l-progett ilu mistenni hafna flimkien man-night shelter u li fl-ahhar jista' jkun li ser naraw il-frod tal-hidma li saret. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jsir il-kuntratt u jigi trasferiti l-fondi.

Is-Sindku gie imsejha lura fil-kamra fejn kompla jippresiedi l-laqgha. Huwa ta' xi dettalji dwar kif jista' jitmexxa ir-respite centre. Huwa spjega ukoll li kien hemm persuna interessata ukoll li tmexxi n-night shelter u kien qieghed jevalwa l-possibilita' u l-proposta.

Is-Sindku spjega li ghall-ftuh irid jigi mistieden il-Ministru l-Onor. Herrera. Huwa qal ukoll li wahda mill-kmamar trid tigi mibdula fl-living area peress li s-setup tieghu ma kienx jinkludi wahda. Fir-rigward tar-rati ta' l-uzu tieghu bhala respite centre ikun differenti minn ta' night shelter u ghal daqstant qeghda ssir ricerka sabiex naraw x'rati jkunu offruti fuq is-suq lokali. Is-Sindku qal li din tkun xi haga simili ghal respite centre ohra u jista' jkun li ssir insibu kollaborazzjoni maghhom.

Is-Sindku qal ukoll li mill-istandards authority dan jista' jigi operat kemm bhala respite centre kif ukoll bhala night shelter u day centre peress li gie approvat ghal dan l-iskopijiet. Bhala post ghad jonqos li jehlu airconditions, tv's u purtieri fost ohrajn li ser isir minn fondi allokati mill-iskema.

30.3.5 Is-Sindku qal li l-offerta' li kien hemm fis-suq tal-meeting hub kien applika biss operatur wiehed ghall-aperturi u ghaldaqstant kien qed jittiehed parir jekk il-Kunsill jistax imur bhala direct order wara li jingabru l-kwotazzjonijiet. Il-

Kunsill qabel li ghandu japplika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jekk ikun approvat u isir ix-xoghol permezz ta' Direct Order wara li tinhareg l-approvazzjoni mid-dipartiment u awtoritajiet koncernati.

**30.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

30.4.1 Gew trattati mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi:

Mistoqsija dwar il-hajt ta' Trejqet is-Sisien taht ir-rampa fejn gie mistoqsi jekk dan jistax jitranga meta jkunu qed isiru x-xogholijiet fi Triq Birbuba. Is-Sindku spjega li l-ewwel erba' filati kienu ser jitnehhew u jitpoggew ohrajn minflokhom u ser jitranga ukoll it-tarag meta jkun qed isir ix-xoghol fit-triq. Joseph Mizzi staqsa ukoll jekk jistax isir xi tip ta' railing fejn is-Sindku qal li jistghu jitpoggew bolavastri li hemm fuq il-kumpless sportiv peress li dawn mhux ser jintuzaw aktar f'dan il-post. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

30.4.2 Giet trattata mistoqsija ohra minghand is-Sur Joseph Mizzi fejn huwa qal li kien gie avvicinat minn grupp Nadur Clean Up fejn dawn xtaqu li jwettqu tindif gewwa l-Gharb. Is-Sur Mizzi qal li dawn kienu iddiskutew mall-Kunsilli Lokali sabiex isir tindif tal-kosta. Is-Sindku spjega li f'dik il-gimgha ser ikun qed isiru l-attivitajiet marbuta mall-European Mobility Week fejn huwa ta' spjegazzjoni ukoll tal-programm li ser ikun qed jitella' gurnata b'gurnata. Fir-rigward ta' l-attivita' tat-tfal Miriam Borg issugeriet li jitilqu mill-playing field ta' Birbuba jew minn Triq San Pietru. Lura ghall-attivita' tal-Clean up il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ssir fit-18 ta' Settembru fiz-zona ta' San Dimitri u ghandha tibda' fis-7.30am.

Giet trattata mistoqsija ohra dwar l-AED's dwar meta dawn ser jehlu. Is-Sindku spjega li dawn kien ghandhom ma wehlux minhabba l-pandemija. Huwa spjega li pero' l-Ministru ghal Ghawdex kien qed joffri AED lill-Kunsill li ser tehel nhar il-Hadd waqt l-attivita' ta' Jum l-Gharb gewwa l-Pjazza. Joseph Mizzi staqsa jekk tistax tehel wahda fejn il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku spjega li din qeghda fil-pjan li diga kien fassal il-Kunsill xhur ilu. Hu zied jghid li jekk hemm possibilita' li tkun akwistata wahda ghal dik iz-zona dik li ghandu il-kunsill tista' tehel f'post iehor u semma qrib is-Santwarju ta' Pinu.

Giet trattata misoqsija ohra fir-rigward tal-bus shelters godda. Is-Sindku spjega li kien hemm tlieta applikati pero' kien hemm problema mall-kumpanija li tissuplixxi l-bus shelters. Is-Sindku qal li bus shelters hemm fi Triq Mongur, Triq Virtu u ohra fejn il-Villagg tas-snajja ta' Dbiegi. Joseph Mizzi staqsa jekk kienx hemm xi wahda ghat-tfal ta' l-iskola fil-pjazza. Is-Sindku fakkar li fil-prezent hemm wahda temporanja f'garaxx li huwa misluf mill-privat sabiex jaqdi din il-funzjoni.

**30.5 Korrispondenza u Rapporti**

30.5.1 Tpoggiet fuq il-mejda petizzjoni li saret minn residenti ta' Triq Sdieri fir-rigward ta' Disabled Parking li sar ricentament sabiex dan jitnehha. Il-Kunsill qabel li

jibghat ittra ta’ sostenn ghar-residenti.

30.5.2 Gew trattati l-applikazzjonijiet ghall-permessi ta’ zvilupp PA/05345/21, PA/05665/21, PA//05779/21, PA/05782/21, PA/02181/21

30.5.3 Giet trattata korrispondenza ghal talba ghall-disabled parking fi Triq San Pietru. Gie spjegat li f’din iz-zona kien hemm parking li tnehha minhabba li l-persuna I kienet talbet ghalih ma kienetx ghada toqghod hemm u ghaldaqstant dan tnehha. Il-Kunsill qabel li ghandha tibtghat l-applikazzjoni lit-Transport Malta.

30.5.4 Il-Vici Sindku ppropona li ghandu jsir monument / plakka ghal dawk kollha li tilfu hajjiethom bid-disagrazja tan-nar f’dawn iz-zoni. Is-Sindku ppropona li din ghandha ssir fejn il-gnien fejn il-pinnur fiz-zona ta’ San Dimitri Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u ghandu jiddiskutiha anke mall-perit.

## 30.6 Jum l-Gharb 2021

30.6.1 Jum l-Gharb ser jigi ccelebrat nhar il-Hadd kif diskuss precedentament. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex il-bankijiet kemm jista’ jkun jintuzaw fil-massimu taghhom biex ma jinheliex hafna spazju u fejn ikun hemm persuni mill-istess familja joqghodu fejn xulxin. Wara l-quddiesa ser jitellla l-musical u ser jitqassmu l-premijiet kif maqbul. Gie diskuss ukoll kif ser jitqassam l-ikel lil dawk prezenti fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinghata xi haga zghira packed minhabba l-covid lin-nies kif johorgu mill-Knisja. Kif titlesta’ c-celebrazzjoni gewwa l-Knisja tigi inawgurata l-AED mill-Ministru li ser tehel fil-pjazza. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-program propost u qabel mieghu.

## 30.7 EMW 2021

30.7.1 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni fil-laqgha waqt il-komunikat tas-Sindku.

## 30.8 Xogholijiet u Progetti

30.8.1 Bhala progetti fil-lokalita’ bhalissa kien ghaddej ix-xoghol tal-hitan tas-sejjieh u xogholijiet fi Triq Birbuba li waslu fil-fazi finali taghhom. Apparti dawn kif kien diskuss hemm ix-xoghol tas-saqaf tal-kumpless sportiv u ta’ l-Astronomy Park fejn kienu inhargu l-permessi mehtiega. Fuq iz-zona tal-Astronomy Park is-Sindku qal li l-Kunsill irid jevalwa idejat godda permess li l-pool kienu diga ser isiru tnejn gewwa Ghawdex u ghalhekk mhux idejali li ssir ohra simili. Is-Sindku spjega li l-perit qieghed jahdem ukoll fuq id-dokumenti tar-restawr tal-faccata tal-Kunsill.

Kien spjegat li hemm bzonn manutenzjoni tal-pjazza. Il-Kunsill qabel u ghal dan il-ghajn ser ikunu avvicinati kuntrattur sabiex jaghtu stima tax-xoghol u li jekk l-imsemmi xoghol ma jaqbisx id-direct order ghandu jipprocedi.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Kien hemm qbil li ghandha tinhareg offerta ghal interess ghal Design and built ghal progett ta' indoor pool fil-leisure park.

**30.9 Materji ohra**

30.9.1 Is-Sindku spjega li l-Ministeru qed jikkometti ukoll ghajnuna finanzjarja fil-Kite and Wind Festival li huwa ppjanat li jsir bejn il-15 u 18 ta' Ottubru. Is-Sindku ssugerixxa li ghandu jigi kkuntatjat l-kordinator sabiex jibda' bil-preparamenti tieghu u jinstabu l-partecipanti barranin. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinghata l-*go ahead* biex jibda' bil-preparamenti. Is-Sindku qal li jista' jinghataw aktar fondi ghall-attivitajiet kulturali pero' ghandha nistennew risposta.

30.9.2 Joseph Mizzi staqsa jekk Triq Tumas Cassar il-parti li kellha tinfetah hux ser jimxi l-process. Gie spjegat li kien hemm problema u li l-Ministeru ghal Ghawdex huwa involt fid-diskussjonijiet u li barra li ser jghaddi l-flus ghal parti il-gdida ser jghinu ukoll finanzjarjament sabiex jitjieb access min-naha ta' Triq Dun Alwig Mizzi.

**30.10 Skeda ta' Pagamenti**

30.10.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**30.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

30.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 28 ta' Settemrbu, 2021 fit-8.30am.

30.11.2 Il-laqgha spiccat fild-9.34am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv